**Qorti tal-Magistrati (Malt)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Nru.: 277/16**

**J. Zammit Ltd. (C37945)**

**Vs**

**David Francis Horrill (140126A) u Marika Parry**

**Illum 21 ta' Gunju, 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Novembru, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' sebat elef mitejn u wiehed u hamsin Ewro u disgha u tletin centezmu (€7251.39) rapprezentanti somma dovuta ghall-bejgh ta' vettura Renault Megane Privilege DCI flimkien mal-imghaxijiet kollha dovuti permezz ta' kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fit-30 ta' Dicembru, 2015.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota prezentata mis-socjeta' rikorrenti fit-12 ta' Mejju, 2017 li permezz taghha cediet il-kawza limitatament fil-konfront tal-intimata Marika Parry. Ghaldaqstant, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront tal-intimata Marika Parry.

Rat illi l-konvenut David Francis Horrill kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Purtier Paul Debrincat datata 14 ta' Frar 2017, fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali w fl-ghassa tal-Pulizija tax-Xaghra, Ghawdex, kif ukoll fl-indirizz tal-konvenuti moghti fl-avviz (fol.23 tergo).

Illi l-istess konvenut gie notifikat b'din il-kawza wkoll permezz t'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-14 ta' Frar 2017 (fol. 9) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent datata 10 ta' Marzu 2017.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2017 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta it-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tat-8 ta' Gunju 2017.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2017, il-konvenut ma deherx sabiex iwiegeb ghas-subizzjoni tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sebat elef mitejn u wiehed u hamsin Ewro u disgha u tletin centezmu (€7,251.39) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur, flimkien mal-imghaxijiet kollha dovuti permezz ta kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fit-30 ta' Dicembru, 2015 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**